# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2 3 0 4

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2818/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Anthony Paris**

**vs**

**Emanuel Delicata Winemaker Limited**

**dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta**

Illum 9 ta' Settembru 2014

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali b’rikors ta’ Anthony Paris pprezentat fir-Registru tal-Qorti fil-21 ta' Lulju 2010 tramite l-avukat Dottor Robert Tufigno. Ghall-iskopijiet ta’ Artikolu 78 ta’ Kap 452 tal-Ligijiet ta’ Malta jinghad li dan il-kaz ma setghax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-ligi minhabba li l-gbir tal-provi ha fit-tul.

DIKJARAZZJONIJIET

Fir-rikors u Dikjarazzjoni tal-kaz tieghu, ir-Rikorrent jghid li huwa kien ilu impjegat mas-socjeta' intimata sa mid-19 ta' Dicembru 2005; fit-18 ta' Mejju 2010 l-impieg tieghu bhala Area Sales Manager gie terminat hesrem, minghajr ebda avviz, u ghall-ebda raguni gustifikata. Jghid li l-uniku dokument relattiv ghat-terminazzjoni tal-impieg tieghu jikkonsisti f'ittra datata 26 ta' Mejju 2010 li huwa rcieva minn ghand il-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig. Jghid li huwa qatt ma inghata xi twissija (la verbali u wisq anqas bil-miktub) u l-anqas

qatt gie infurmat b'xi problema dwar ix-xoghol tieghu. Jghid li huwa anqas inghata kopja tat-Termination Form li biha il-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig giet avzata bit-terminazzjoni tal-impieg tieghu. Jghid li huwa dejjem qeghda dmirijietu b'diligenza, entuzjazmuu dedikazzjoni, u dejjem ghamel minn kollox biex igib il-quddiem in-negozju tas-socjeta` intimata. Jghid li meta gie terminat l-impieg tieghu huwa kellu paga ta' €23,163 fis-sena, u l-beneficju ta' vettura tal-kumpanija u *petrol allowance* ta' €24.50 fil-gimgha. Jghid li s-socjeta` intimata naqset li thallsu l-ahhar performance bonus ta' €700. Huwa talab li:

1. jigi dikjarat li t-terminazzjoni tal-impieg tieghu ma kinitx ghal raguni gusta u ma kinitx ghal raguni xierqa;
2. s-socjeta` intimata tigi kkundannata thallsu s-somma ta' €700 dovuta lilu bhala performance bonus ghax-xhur minn Jannar sa Marzu 2010;
3. jigi likwidat kumpens finanzjarju li s-socjeta` intimata tkun dovuta thallsu minhabba t-terminazzjoni ingusta tal-impieg tieghu a tenur tal-artikolu 81 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. is-socjeta` intimata tigi ordnata thallas dan il-kumpens hekk likwidat; u
5. tinghata kull ordni ohra li tkun xierqa u opportuna.

Is-Socjeta` intimata iddikjarat li l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-impieg tar-rikorrent gie terminat ghal raguni tajba u bizzejjed skond il-ligi hekk kif previst mill-Artikolu 36(14) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, a bazi ta' nuqqasijiet gravi fl-osservanza u esekuzzjoni tad-dmirijiet tal-impjegat, kif ukoll kondotta illi ggib nuqqas ta' fiducja fl-impjegat u fl-intenzjonijiet tieghu. Jinghad li mhux minnu li l-kuntratt tal-impieg gie terminat hesrem minghajr ebda avviz, anzi r-rikorrent gie mwissi diversi drabi minn naha tal-management minhabba n-nuqqasijiet tieghu, kien jaf bir-ragunijiet u inghata kull opportunita` illi jiddiskuti u jispjega l-istess ragunijiet u l-pozizzjoni tieghu waqt laqghat tal-management tal-kumpanija. Jinghad li r-rikorrent gie infurmat bit-terminazzjoni tal-impieg tieghu waqt laqgha mad-diretturi tal-kumpanija. Jinghad li bla pregudizzju ghal dan, ir-rikorrent ma thallasx il-bonus imsemmi minnu peress li l-iskop ta'

dan il-bonus kien biex izid il-motivazzjoni fl-impjegati u ma kienx *performance bonus*, u fil-kuntest tan-nuqqasijiet tieghu r-rikorrent ma kienx intitolat ghal bonus, apparti li dan il-bonus mhux parti mis-salarju baziku tar-rikorrent. Minhabba f'dan it-tkeccija tar-rikorrent kienet wahda gusta u huwa m'ghandu dritt ghall-ebda kumpens.

It-Tribunal stieden lill-partijiet biex jittentaw ftehim bonarju pero` gie infurmat li kienu gia saru tentattivi qabel li ma rnexxewx, u l-kaz beda minnufih.

## IL-PROVI MIGJUBA

Georges Meekers, Head of Sales fis-Socjeta` intimata jghid li huwa kien fuq ir-rikorrent , u kkonferma li r-rikorrent kien ilu impjegat mid-19 ta' Dicembru 2005. Jghid li huwa kien dahal fl-impieg fl-2000 u tahtu kellu 8 Sales Representatives u hames Area Sales Managers bhal ma kien Paris, oltre zewg skrivani u xi promoturi *freelance*. Jghid li huwa kien prezenti meta fit-18 ta' Mejju 2010 kien fl-officju tad-Direttur Manigerjali V.G. Delicata li informa lil Anthony Paris li kien qed jitkecca mix-xoghol. Tkecca minhabba imgieba hazina u inefficjenza grassa, oltre li tilef il-fiducja tal-management u d-diretturi f'diversi okkazjonijiet, barra li naqas li jtella` xoghol tal-kalibru li kienu ftehmu dwaru, u li kien mistenni minnu. Jghid li dan gara fl-ahhar sitt xhur, b'mod partikolari l-ahhar ftit gimghat. Id-decizjoni tat-tkeccija haduha hu u s-sur Delicata flimkien u qablu li kellha tkun immedjata, l-aktar peress li r-rikorrent kellu pozizzjoni ta' fiducja u bezghu li johrog informazzjoni sensittiva kieku Paris inghata Notice tat-terminazzjoni. Hu u Delicata spjegaw ir-ragunijiet lis-sur Paris bl-aktar mod car halli huwa jkun jista' jressaq il-gustifikazzjonijiet tieghu. Jghid li Paris deher dispjacut pero` ma ressaq ebda raguni valida biex jibdlilhom fehemthom. Tant kien jaf li tkecca li ordnawlu jhalli l-karozza tal-kumpanija hemm u offrewlu li jwassluh id-dar, kif fil-fatt sar. Jghid li Paris qatt ma talbu xi ittra ta' referenza biex ikun jista' jsib impieg iehor. Jghid li l-bonus imsemmi minn Paris kien biss in parti bhala premju ghall-performance

tat-tliet xhur ta' qabel, u in parti bhala 'incentive bonus' biex jinkoraggixxi lill-haddiema jahdmu ahjar.  Jghid li l-performance tal-haddiema setghet anke tmur lura u xorta jiehdu dan il-bonus.

Is-sur Meekers ikompli jixhed fl-affidavit tieghu dwar ir-ragunijiet tat-tkeccija u jghid li fis-17 ta' Mejju 2010, jum qabel tkecca, Paris informa lil Meekers li kien hiereg biex izur numru ta' klienti;  jghid li Paris kien ingannah qabel u dakinhar iddecieda li jissorveljah sew.  Saq bil-karozza lejn San Giljan li hija l-lokalita` li taqa' taht ir-responsabbilta` ta' Paris, imbaghad ghadda mis-Swieqi fejn toqghod il-partner ta' Paris, u nnota l-karozza tal-kumpanija li kien qed isuq Paris ipparkjata fid-drive-in tad-dar taghha.  Dan ix-xhud sahansitra jaghti dettalji tal-karozza personali ta' din il-partner ta' Paris.  Meekers qabad u cempillu bil-mobile fuq il-mobile tieghu u talbu jiltaqa' mieghu dak il-hin stess San Giljan; jghid li pero` Paris qallu li kellu bzonn 45 minuta biex jigi peress li kien qieghed go Sports Bar gewwa Pembroke.  Ix-xhud jghid li kien konvint li Paris kien qed jigdiblu u ma kienx qed jaghmel xogholu.   Jghid li bhala manager huwa tilef il-fiducja fih. Jghid li meta kellmuh l-ghada dwar l-incident, Paris baqa' jinsisti li huwa kien qieghed mal-klienti, u din l-attitudni xejn ma ghenitu.

Is-sur Meekers isemmi incident iehor li sehh fl-ewwel gimgha ta' Ottubru 2007 meta huwa kien qieghed is-Sliema  go Cafetteria u seta' jara l-karozza tal-kumpanija li juza Paris ipparkjata vicin ta' fejn kien joqghod hu.  Pero' dak il-hin Paris kellu jkun xoghol u ghalhekk cempillu fuq il-mobile biex isaqsih fejn kien qieghed;  Paris qallu li kien xoghol, pero` huwa rah diehel fil-karozza b'jeans u qmis, u jsuq.  Jghid li xi siegha wara Paris gie x-xoghol bil-libsa u l-ingravata kif suppost fuq ix-xoghol.  Meta kkonfrontah b'li ra, Paris ammetta li ma kienx qal il-verita ghax kellu bzonn jara xi problemi li kien qed ikollu fil-familja.  Ix-xhud jghid li Paris messu tkellem mill-ewwel u kien isib kooperazzjoni, u mhux jigdeb.  Jghid li ta' dan tah warning verbali.

Is-sur Meekers isemmi okkazzjonijiet ohra fejn is-sur Delicata qallu li kellu infrmazzjoni li kien hemm madwar 3 okkazjonijiet fejn il-karozza tal-kumpanija li juza Paris rawha quddiem residenza privata ohra fis-Swieqi ghal hin twil meta Paris suppost ikun qieghed xoghol. Jghid li imbaghad is-sur Paris kien qabad u ma marx ghax-xoghol fil-25 ta' Novembru 2008, u cioe` l-ghada li kellu accident bil-karozza tal-kumpanija gewwa Ghawdex. Imbaghad dan ix-xhud semma zewg okkazjonijiet fejn ir-rikorrent kien dizubbidjenti:-

a) Fit-12 ta' Gunju 2009 huwa talab lil Paris biex imur ikellmu u Paris qabad u ma marx, bla ma ta spjegazzjoni u bla ma skuza ruhu sussegwentement. Jghid li imbghad xorta kellmu izda Paris ma tah raguni ta xejn. Jghid li dakinhar tah warning verbali ta' assenteizmu u ta' dizubbidjenza.

b) F'Ottubru 2009 kien hemm meeting ghal diversi impjegati u fost affarijiet ohra s-sur ario Delicata u s-sur Meekers taw struzzjonijiet cari lil Paris biex imur jaghmel proposta kummercjali lil hanut partikolari f'Tas Sliema. Imbaghad fis-sales meeting li sehh wara, Paris qalilhom li huwa ma riedx imur jaghmel dak li gie kkummisjonat jaghmel, u ma tax raguni ghalxiex.

Is-sur Meekers kompla jsemmi incidenti ohra:-

a) Jghid li s-sur Mario Delicata qallu li klient gewwa Bugibba cempillu u talbu ma jibghatx lil Paris ghandu aktar ghax kien mar ghandu fis-sakra; peress li Paris kien cahad inghata l-beneficju tad-dubju, pero` aktar recenti kien gie impjegat iehor li qallu li dak l-incident verament sehh.

b) Jghid li hanut partikolari f'Tas Sliema waqaf jixtri l-imbid minn ghandhom f'Mejju 2010, u wara li Paris tkecca, impjegat iehor gie jghidlu li l-klient kien ilmenta mieghu li Paris kien gie jiltaqa' mieghu fis-sakra. Jghid li din setghet kienet parti mir-raguni ghalxiex il-klient telaq.

c) Ix-xhud jitkellem fuq incident iehor li skond hu sehh bejn l-24 u l-25 ta' Novembru 2008 fejn Paris kellu accident gravi bil-karozza tal-kumpanija waqt li kien taht l-influwenza tax-xorb. Jghid li ghamel arrangamenti biex Paris jingieb Malta peress li l-karozza ma setghetx tahdem, u propjament jghid li mar ghalih hu stess ic-Cirkewwa, fejn Paris stess ammetta mieghu li kien fis-sakra u

ma jafx kif spicca habat. Jilmenta li dakinhar Paris ma dahalx ghax-xoghol. Hemmhekk ix-xhud tah warning verbali iehor.

Georges Meekers jghaddi biex jispjega incident li skond hu juri l-inefficjenza grassa tar-rikorrent. Jibda billi jsemmi (u jesebixxi) skambju ta' emails bejn Paris u manager ta' kumpanija ohra fejn jissemmew numri telefonici fejn tista' ccempel biex tikri yacht: jghid li apparti s-suspetti li Paris kellu kunflitt ta' interess jikri l-jottijiet u d-dghajjes, huwa uza l-email tal-kumpanija bi ksur tal-policies tal-istess kumpanija. Jghid li b'dan Paris kiser anke l-policy li kull impjegat jehtieglu jiddikjara businesses ohra li jista' jkollhom. Wara dan ix-xhud jilmenta mill-"performance" ta' Paris li fl-ahhar xhur bdiet sejra lura. Jghid li fl-ahhar zewg "quarterly review meetings " tal-2009 Paris tant kien sejjer hazin li bhala bonus inghata biss €200 kull darba. Jghid li Paris jigi incentivat jahdem iktar, fil-bidu tal-2010 offrew "monetary incentive" ta' €700, li skond ix-xhud kienet ferm oghola minn dak li kien jisthoqqlu jiehu ghall-"performance" fjakka li kien qed ikollu. Jghid li pero` din is-somma kienet ferm inqas mill-€1,800 li darba inghata Paris tant kemm hadem tajjeb. Dan ix-xhud jesebixxi email ta' Novembru 2009 fejn jghid lil Paris li jrid jghinu f'oqsma partikolari biex igibu aktar xoghol. Finalment jghid li Paris mhux talli ma weriex hegga talli l-promotions li suppost kien qed jaghmel hu kien qed jiddelegahom lil sales representative li ma kienx jinqala' ghal dan ix-xoghol. Jghid li dan kollu ttiehed in konsiderazzjoni meta hu u " Mr V.G. Delicata" iddecidew li jkeccu lil Paris mill-impieg.

In kontro-ezami dan ix-xhud ma kienx f'pozizzjoni li jghid kemm gab klienti godda Paris, jew kemm gab exclusive-accounts jew kemm ghamel promotions u corporate events, pero` accetta li dawn kienu hafna. Kien jaf li ftit qabel tkecca Paris ghen fl-esportazzoni ta' inbid lejn ic-Cina u kien involut fil-gurnata Seminar li giet organizzata Ghawdex. Mistoqsi jafx li l-agent t'Ghawdex ma kienx kuntent bl-atteggament tax-xhud (Meekers) dan qal li ma kienx jaf, u accetta li ftit jiem qabel tkecca Paris kien ha hsieb l-interessi tal-kumpanija fin-Notte Gozitana u din marret tajjeb. Mistoqsi jghid li Paris kien anke rnexxielu

jgib kuntratti esklussivi dak iz-zmien, ix-xhud jghid li ma jiftakarx imma jista' jkun. Mistoqsi dwar l-allegazzjoni negozju fil-yachting, huwa jghid li kull ma kien jaf kien li Paris kien stqarr mieghu li hobby kien ihobb isuq il-yachts. Jghid li l-konkluzjonijiet tieghu bnihom fuq l-email li sab lil Paris, u ma sab ebda email ohra li setghet titfa' aktar dawk fuq x'kien jaghmel Paris. Ix-xhud ammetta li bil-computer tal-kumpanija huwa gieli dahal fil-websites personali tieghu bhal georgesmeekers.me winecampus.org u cleanskin.nu, imma jghid li huwa ghamel dan ghaliex fihom hafna informazzjoni li jkun jista' jaqsam ma' shabu tax-xoghol fl-interess tal-kumpanija. Mistoqsi fuq 18 –il impjegat partikolari li kienu tahtu u spiccaw fl-ahhar 5 snin, ix-xhud innota li wahda minnhom ma kinitx tahtu, u dwar l-ohrajn jinnota li wahda marret lura pajjizha l-Polonja mentri l-ohrajn sabu impieg ahjar f'mument meta l-industrija tal-imbid Malti kienet qed tbati; jghid pero li whud marru ghand il-Marsovin.

Imbaghad xhed b'affidavit ukoll Mario Delicata li jispjega li bhlaa Area Sales Manager Paris kellu r-rwol li jippromwovi l-prodott tal-kumpanija barra mill-officju u areas partikolari f'Malta jew Ghawdex. Din il-kariga tirrikjedi li l-kumpanija jkollha fiducja shiha fil-manager, izda minbarra li l-performance ta' Paris kienet sejra lura, kien hemm tliet incidenti li tellfuh il-fiducja f'Paris. Jghid li sentejn qabel ghamel l-affidavit (u allura fl-2008) klient kien ilmenta mieghu li Paris kien gie jkellmu b'riha ta' alcohol u mhux prezentabbli; jghid li meta kellem lil Paris dwar dan Paris cahad dan kollu.

It-tieni incident sehh fl-25 ta' Novembru 2008 meta cempillu Paris u ghal 10 sekondi sema biss thaxwix u tgedwid; immedjatament wara rega' cempillu Paris li kien jinstema konfuz u qallu li l-jum ta' qabel xorob wisq u ma jafx x'gara, pero` kien jaf li laqat xi haga waqt li kien qed isuq. Jghid li wara irrizulta li Paris kien laqat karozza ipparkjata u baqa' sejjer il-hotel Ta' Cenc fejn kien allogjat, u pparkja l-karozza tal-kumpanija bil-hsara fil-car-park tal-hotel.

Jghid li t-tielet incident kien meta gie skopert li Paris kien qed imexxi negozju personali tieghu u juza l-email address tal-kumpanija intimata – haga li kienet assolutament projbita.

Dan ix-xhud jghid ukoll li l-performance ta' Paris marret hazin hafna lejn l-ahhar tal-2009 tant li inghata bonus baxx hafna. Jesebixxi numru ta' dokumenti li juru l-performances ta' Paris kif imqabblin mal-managers l-ohra bhalu. Jghid li l-bonus li huma jaghtu lill-impjegati mhumiex parti mis-salarju – jinghata fid-diskrezzjoni tal-kumpanija ghal skopijiet ta' incentiva, pero` tant jinghata regolarment li nnota li l-attitudni ta' certi impjegati kienet tmur ghall-aghar meta ma jinghatax bonus. Jghid li fl-ahhar tal-2009 Paris kien sejjer hazin, u gie deciz li jinghata bonus ta' €700 biex jghollulu l-incentiva, pero` meta imbaghad inqala' l-incident tat-tkeccija dan il-bonus kien ghadu ma thallasx, u ma kienx jaghmel sens jinghata flus biex jahdem iktar jekk huwa kien tkecca. Dan ix-xhud esebixxa nurmu ta' dokumenti, hafna minnhom relatati mal-habta li sehhet f'Ghawdex u ohrajn relatati mal-performance tar-rikorrent.

In kontroezami, dan ix-xhud accetta li fil-waqt li r-rikorrent tkecca fit-18 ta' Mejju 2010, huwa kien indispost bejn l-ahhar ta' Marzu u Gunju 2010. Jghid li ghall-bidu Paris kien tajjeb hafna imma fl-ahhar sena u nofs mar lura fix-xoghol. Jghid li d-dettalji tal-performances tal-haddiema kienu f'idejn Georges Meekers, pero' hu u Meekers u gieli missieru George Delicata kienu jiddiskutu l-performances tal-haddiema. Jghid li ghalkemm il-kumpanija ghandha madwar 80 haddiem, ma kellux idea kemm inbidlu haddiema, u ma cahadx li setghu kienu ghoxrin; jghid li ghalih din ma kienet tirrifletti ebda problema. Fuq mistoqsijiet specifici, dan ix-xhud accetta li Ghawdex kien sejjer tajjeb u li Paris kien responsabbli ghalih; jghid pero` li s-success kien bis-sahha tal-agent is-sur Calleja; jghid ukoll li ma kellux dettalji dwar probelmi li seta' kien hemm Ghawdex u anqas kellu informazzjoni li l-agent Calleja kien qed ikollu problemi bis-sur Meekers. Mistoqsi jaqbilx li Calleja kien imur tajjeb hafna ma' Paris, ix-xhud jghid li ma jafx jekk kienx hekk. Jghid li dwar Ghawdex kien jaf biss bl-incident li semma fl-affidavit. Jghid li certi livelli ta' warnings jinghataw bil-miktub u ohrajn jinghataw waqt il-meetings; ma kienx jaf jekk Paris inghatawlux warnings bil-miktub.

Ir-rikorrent beda l-kaz tieghu billi tella lil William Hermitage, il-Marketing Manager tal-kumpanija, li ilu fl-impieg 18 -il sena. Dan ix-xhud jghid li kien jaf lir-rikorrent sew ghaliex ix-xoghol ta' Sales Manager jirrikjedi marketing ukoll, u allura hadmu flimkien ukoll.  Jghid li sa fejn jaf hu Paris kien jaghmel xogholu tajjeb hafna u kkonferma ittra ta' rakkomandazzjoni[1]  favur Paris. Jghid li dik l-ittra harigha b'mod personali u mhux f'isem il-kumpanija.   Jghid li huwa kiteb lis-sur George Delicata biex jghidlu kemm kellu opinjoni tajba ta' Paris u kif ghamel xoghol imprezzabbli ghall-kumpanija. Jghid li lilu l-kumpanija ma tatux ragunijeit tat-tkeccija. Jghid li l-aktar haga li inkwetatu kienet li sa fejn kien jaf hu ma kienx hemm probelmi qabel u din it-tkeccija sehhet f'temp ta' ftit granet, u allura setghet kienet decizjoni mghaggla. Jghid li t-tkeccija sehhet f'dik il-gimgha li huwa kien imsiefer, u peress li f'okkazjonijiet ohra lilu involvewh fid-diskussjonijiet, kieku involvewh din id-darba huwa kien jghaddilu kelma tajba.    Jghid li peress li huwa qieghed fis-senior management, meta xi hadd ma kienx qed jaghmel xogholu tajjeb kien jissemma mieghu, pero` fil-kaz ta' Paris huwa qatt ma sema lil hadd jghid xi haga negattiva dwaru, hlief ghall-incident ta' meta habat bil-karozza.  In kontroezami jinsisti li l-ittra tar-rakkomandazzjoni kitibha fuq bazi personali biss u bl-indirizz tad-dar tieghu sabiex jghin lil Paris isib impieg iehor, u jispicca jghid li ma kienx jiktibha kieku kif jaf li kienet ser tintuza fit-Tribunal. Jikkjarifika li huwa kien ikun infurmat dwar problemi ta' impjegati biss jekk dawk l-impjegati b'xi mod ikollhom x'jaqsmu mad-dipartiment tal-Marketing.  Jghid li ghall-bidu Meekers kien jigi tahtu, pero` maz-zmien dan sar daqsu u kien jaqa' taht id-diretturi direttament.

Il-Financial Controller Pierre Mouse tela jixhed li huwa ma kellux l-informazzjoni mitluba dwar kemm gab klienti r-rikorrent, kemm fetah exclusive accounts u kemm zdiedu s-sales tar-rikorrent peress li skond ix-xhud din l-informazzjoni tkun ghand il-Manager Georges Meekers. Sussegwentement is-sur Meekers tela' biex jaghti l-informazzjoni mitluba pero` r-rikorrent ghazel li jirtira t-talba tieghu u rrinunzja ghal tali informazzjoni.

[1] Dokument  RT1  folio 81.

Ir-rikorrent xhed permezz ta' affidavit fejn jghid li meta tkecca fit-18 ta' Mejju 2010 huwa kellu laqgha ma' Georges Meekers fil-prezenza tas-sur George Delicata. Skond ir-rikorrent minkejja li saret din il-laqgha Meekers ma spjegalu xejn dwar it-tkeccija, imma biss qallu li kien tkecca. Jghid li l-kumpanija qatt ma taghtu kuntratt tax-xoghol, pero` apparti l-paga kellu bonus li jinghata fid-diskrezzjoni tal-kumpanija, oltre uzu ta' karozza. Jghid li ghall-bidu huwa kien l-uniku Area Sales Manager izda imbaghad Malta u Ghawdex tqassmu taht 4 managers li kollha jaqghu taht Meekers. Kien ikollhom laqgha kull gimgha ma' Meekers u kienu jkunu prezenti kemm Mario Delicata kif ukoll Bill Hermitage. Dawn il-managers kellhom l-ufficju ma' Meekers pero kienu jkunu hafna barra. Jghid li kellu 8 sales reps tahtu, u kemm dam jahdem hemm qatt ma inghatalu 'formal warning'. Jghid li kien biss gimghatejn qabel tkecca li gie infurmat li kien ser jinghata bonus ta' €700, li baqa' ma hadhom qatt. Isemmi kif fetah aktar minn 180 kont gdid ghall-kumpanija, oragnizza aktar minn 200 attivita` promozzjonali, ghalaq aktar minn 60 kuntratt esklussiv, ta kontribut f'kampanji pubblicitarji, solva problemi tal-kumpanija li strettament ma kienux jaqghu tahtu u kien jamministra attivitajiet esklussivi bhal The Delicata Classic Wine Festival, u dan anke sa ftit gimghat qabel ma tkecca.

Jghid li f'nofs l-2009 is-sur Meekers ghamillu targets gholjin immens, u huwa mar jilmenta dwar dan mas-sur Mario Delicata u s-sur Bill Hermitage. Jghid li wara li ghamel dan l-ilment, Meekers bidel l-attitudni lejh u beda jaqtaghlu d-diskorsi fil-qasir u ma baqax jiddiskuti mieghu l-ideat li kien ikollu, anzi beda juza atteggament antagonist. Jghid li wara li tkecca huwa cempel lill-Financial Controller biex jara ghalxiex ma thallasx il-€700 bonus imwieghed u tnaqqsulu €60 mill-paga ghall-hasil tal-karozza,u dan qallu li t-tnejn kienu fuq struzjonijiet ta' Meekers. Jghid li Meekers immanipula l-fatti u stenna l-mument opportun biex ikeccih.

Ir-rikorrent jirribatti l-affidavit ta' Meekers hekk:

- Dwar il-jum ta' qabel it-tkeccija huwa jammetti li waqt li kien b'xoghol is-Swieqi ghadda s'ghand il-partner tieghu biex jiekol xi haga bhala break, pero` lil Meekers qallu biex jitlaqghu San Giljan 45 minutar wara ghax kien imissu

jmur hemm wara.  Jghid li b'gimgha xoghol ta' 50 siegha l-breaks tieghu kien idahhalhom fejn jista'.
- Dwar jum it-tkeccija jghid li l-laqgha damet 15 –il minuta  u Meekers qallu li ma riedx jahdem aktar mieghu minhabba dak li gara l-jum ta' qabel.
- Dwar l-incident ta' meta Meekers rah fil-hin tax-xoghol mhux bl-ilbies tax-xoghol jghid li huwa kien baghat sms lil Meekers li kellu bzonn jiehu l-ommu l-isptar izda dan ma rrispondihx.  Jghid li fuq din l-okkazjoni hadd ma tah warning.
- Dwar l-incident ta' meta Meekers talbu jmur ikellmu u hu ma marx ghax kellu jitla' Ghawdex jghid li nhar ta' Hamis kienet il-gurnata li fiha jitla' Ghawdex u ghal snin shah huwa dejjem kien ikollu hafna appuntamenti hemm.  Bix-xoghol li kellu u anke jidhol xoghol fil-granet off ma kellux zmien jipprepara dak li talbu.  Jichad li Meekers widdbu bil-qawwi. Anzi jghid li Meekers kien johrog hafna warnings miktubin, u lilu qatt ma tah wahda.
- Dwar l-incident li klient irrapporta li Paris kien gieh fis-sakra, jghid li Meekers hawwad kollox ghax li kien gara kien li Paris ma accettax li jaghti lill-klient konsenja kbira ta' xorb bi kreditu, u l-klient beda jghajru u jkellmu hazin.  Jghid li dan il-klient prova jaghmel deal mas-sur Mario Delicata direttament u spicca jitkellem hazin mieghu ukoll, u meta ddiskutew il-kaz kienu qablu li kien il-klient li ma kienx stabbli.
- Ir-rikorrent jichad li klient f'Tas Sliema waqaf jixtri minn ghand Delicata ghaliex huwa mar b'rieha ta' xorb.  Jichad li jkun xurban u jghid li dan kien waqaf ghaliex il-kompetitur kien tah deal aktar tajba minn dik li setghu joffrulu ta' Delicata, u l-kumpanija kienet taf b'dan kollu.
- Dwar l-incident tal-habta f'Ghawdex, huwa jammetti li kellu jerfa' r-responsabbilta` tal-habta, pero` l-kumpanija dahlet fil-kwistjoni biss ghaliex il-karozza kienet taghha.  Jghid li Meekers gie ghalih ic-Cirkewwa ghax ftehmu li l-karozza tinzamm fil-garage tal-agent f'Ghawdex sakemm jigi s-surveyor u mhux ghax ma setghetx timxi kif qal Meekers.   Jghid li Meekers ma ppretendihx jidhol ghax-xoghol dakinhar, inqas u inqas tah warning talli ma marx ghax-xoghol kif qal fl-affidavit tieghu.  Jghid li sussegwentment Mario Delicata qallu li ma kienu ser jittiehdu ebda passi kontrih, pero` kellu joqghod

attent biex ma jumiljax ruhu u lill-kumpanija. Ir-rapport tal-incident juri li r-rikorrent skidja bil-karozza u li dakinhar it-temp kien bix-xita.

- Dwar l-okkazjoni li Paris iddecieda li ma jghaddix proposta ta' ftehim lil klient, ir-rikorrent jispjega fit-tul kif huwa kien jaf lill-klient personalment u f'dawk iz-zminijiet dan kien qallu li ma kellux mohh proposti godda ghaliex kien ghaddej minn certi problemi. Ir-rikorrent issuggerixxa lill-management li l-proposta jhalluha ghal zminijiet ahjar, imma Meekers riedha ssir bil-fors dakinhar; ir-rikorrent mar jaghmilha izda kif previst il-klient ma ridhiex.

- Dwar il-kiri tal-yachts ir-rikorrent jghid li kien informa b'dan lis-sur George Delicata minn qabel beda jahdem mieghu u dan bhala part time fis-sajf biss, pero s-sur Delicata ma kellu ebda oggezzjoni ghal dan gialadarba ma kienx hemm kunflitt ta' interess. Meekers kien jistaqsih kif ikun mar b' dan ix-xoghol matul il-weekend li jkun ghadda, u sahansitra l-impjegati tal-kumpanija gieli krew yachts minn ghandu. Dwar li uza l-email tal-kumpanija jghid li impjegat iehor li kien juza l-computer ghall-htigijiet personali tieghu u kien ghadu fl-impieg, u jghid li anke Meekers stess kien juza l-computer ghall-interessi personali tieghu.

- Dwar is-sales li waqghu fl-2009 jghid li huwa mar hazin ikkumparat ma dak li ppretenda minnu Meekers, pero` kkumparat mas-snin ta' qabel kien mar tajjeb. Jghid li dan qabad u tah bonus baxx immens ta' €200, pero qatt hadd ma fehem kif kienet tigi stabbilita' s-somma tal-bonus li kien jinghata.

- Dwar il-laqgha ma' George Delicata biex ir-rikorrent jaghti rizultati ahjar jghid li huwa kien iltaqa' mas-sur Delicata biex jghidlu li Meekers kien qed jitrattah hazin u ma kien qed jirrikonoxxilu ebda bicca xoghol tajba li jkun ghamel. Jghid li Delicata qallu li Meekers ma kellu xejn personali kontrih imma riedu jaghti rizultati ahjar. Jghid li wara dan il-meeting is-sur Meekers tbieghed aktar minnu.

- Dwar li ddelega xi xoghol lil sales reps jghid li dan kien sar bi qbil ma' Meekers stess biex il-klient li kien irrifjuta proposti minn ghand Paris jara wicc gdid u forsi jahsibha mod iehor.

Ir-rikorrent jghid li wara li tkecca kien kiteb lis-sur George Delicata izda rrispondih l-avukat li qallu li kellhom jiftehmu barra l-Qorti, pero` meta kiteb l-

avukat tieghu il-kumpanija ma rrispondiet xejn. Esebixxa emails tal-bidu tal-2009 li juru kemm il-management kien ghadu kuntent b'xogholu u ohra ta' Kempinski San Lawrenz tal-ahhar tal-2009 li accettaw li jsiru klienti ta' Delicata u jorganizaw anke attivitajiet.

In kontroezami r-rikorrent jghid li fil-jum tat-tkeccija Meekers qallu li ma kienx qed jahdem sew u li hu ma riedx jahdem aktar mieghu; pero` jghid li verament issemma l-incident tal-gurnata ta' qabel. Jghid li huwa spjega mill-ewwel li minhabba l-*flexible hours* tieghu seta' jiehu break fi x'hin ikun l-aktar opportun, u hu hekk ghamel meta kien vicin id-dar tal-partner tieghu. Jghid li Meekers u Delicata ma tawx aktar importanza lil dan l-incident u Meekers aktar tkellem dwar il-performance. Jghid li ghalkemm ma kienx inghata kuntratt miktub, xi sentejn wara li gie impjegat inghata *company structure* bil-*job-description* tieghu. Jghid li qabel l-ahhar tal-2009 huwa kellu working-relationship tajba ma' Meekers, anke meta ma kienux jaqblu fuq certi ideat. Pero` minn hemm 'il quddiem Meekers beda jkun difficli mieghu. Jghid li Meekers beda jiehu attitudni personali kontrih, u mhux ipoggi x-xoghol l-ewwel. B'ezempju jghid jekk qabel kien johrog b'idea u Meekers ma jaqbilx, kienu jippruvaw isibu kompromess, mentri issa beda jaqbad u jaqtaghlu barra u ghidlu "Le." Jghid li l-bonus kien jirrifletti l-performance tieghu, specjalment fil-bidu meta kienu jtuh Lm50 ghal kull klient gdid li jgib. Mistoqsi jafx kemm klienti telqu, ir-rikorrent jghid li ma jafx ghax imbaghad hu ma jkollux x'jaqsam: b'ezempju meta hanut jaghlaq bil-fors ma jibqax klient.

Ir-rikorrent gie mfakkar li waqt festival darba gie mwiddeb ghax kien qed ikellem lill-partner tieghu; jammetti li qalulu jieqaf ikellimha u jkompli b'xogholu pero` ma kkunsidrax din il-haga bhala twiddiba. Dwar is-sur Hermitage jghid li mhux hu kien li infurmah bit-tkeccija, u li kien biss wara xi xahar li spjegalu d-dettalji tat-tkeccija, pero` sa dakinhar is-sur Hermitage kien diga' prova jitkellimlu mas-sur Delicata u dan ma riedx jisma'. Jghid li kulhadd kien induna li kien qed jigi antagonizzat – kienet ilha gejja, u bhal ma juri l-sms tas-sur Hermitage, it-tkeccija kienet mistennija imma mhux daqshekk malajr.

Mistoqsi jekk jaqbilx li l-area managers l-ohra kellhom *targets* gholjin bhal tieghu, ir-rikorrent jghid li ma jistax ikun ghaliex huwa kellu l-area tas-Sliema u San Giljan u dawn ma tistax tqabbilhom, per ezempju, mar-Rabat u Had Dingli. Mistoqsi jekk l-attitudni ta' Meekers kontrih kinitx minhabba t-*tagets*, jghid li l-problema vera kienet l-attitudni ta' Meekers li saret bhal ta' wiehed iffastidjat u mhux propens li jiddiskuti u jisma' – tinhass personali.

Ir-rikorrent jispjega wkoll in kontroezami li meta qal li Meekers stenna li zewg diretturi jkunu msefrin biex ikeccih kien qed jirreferi ghal Mario Delicata u Bill Hermitage. Huwa jemmen li George Delicata, fin-nuqqas ta' ibnu Mario u s-sur Hermitage, kien jaghmel dak li jghid Meekers, mentri kieku s-sinjuri Mario Delicata u Hermitage kienu prezenti, l-affarijiet kienu jigu diskussi b'ragunament ahjar. Meta mfakkar li Mario Delicata xhed li jaqbel mat-tkeccija, ix-xhud jghid li dan hu ovvju llum gialadarba huwa tkecca u Mario Delicata ghandu interess jiggustifika l-azzjoni tal-kumpanija.
Ir-rikorrent gie mistoqsi jichadx li f'avveniment li kien qed jiehu hsieb huwa spicca jiekol mal-partner tieghu fl-istess restaurant, u ghalhekk gie mwissi: ir-rikorrent jichad li l-fatti kienu hekk – jghid li l-avveniment kienet ikla bl-imbid f'restaurant li ghalih attendew anke d-diretturi, u meta fl-10:00 ta' bil-lejl tqassam l-imbid u allura xogholu kien lest giet il-partner tieghu u kielu flimkien; ghal dan mhux talli ma giex imwiddeb talli hallaslu l-ikla s-sur Mario Delicata, li anke kien prezenti waqt li inghatat din ix-xhieda.
Dwar il-flat li fih mar jiehu 'break' fil-jum ta' qabel it-tkeccija huwa jghid li l-post huwa tieghu pero` kienet tghix il-partner tieghu ukoll hemmhekk, ghalkemm dakinhar ma kinitx hemm. Dwar meta cempillu Meekers huwa ma ftakarx ezatt fejn kien, pero` wara li ha break huwa mar ghand il-Corner Food Store fil-vicin biex jirrangalu l-ixkaffa tal-imbejjed. Jghid li wara li lill-Meekers qallu biex jiltaqghu wara 45 minuta, dan qallu li ahjar ihalluha u jiltaqghu l-ghada.

Dwar l-uzu tal-emails ghal xoghol mhux ta' Delicata, ir-rikorrent jghid li ghamel dan darba biss fi zmien li huwa ma kienx konxju li kien hemm policy

specifika li l-emails tal-kumpanija ma jistghux jintuzaw ghal ragunijiet personali. Jghid li madankollu din kienet email urgent ta' darba, u bhala regola huwa ma kellux bzonn juza l-email tal-kumpanija. Jghid li Meekers kemm-il darba qallu li jkun dahal fil-website privata u personali tieghu mill-computer tax-xoghol, pero` ma jafx jekk id-diretturi awtorizzawhx jaghmel dan. Finalment ir-rikorrent jispjega li huwa kien jiehu hsieb kemm Sales kif ukoll Marketing, u allura kien jirrapporta kemm lil Meekers kif ukoll lil Hermitage, u lil Mario Delicata bhala direttur.

Xhed Charles Calleja l-agent ta' Ghawdex li qal li kien ilu 16-il sena agent. Jghid li qabel Paris kien hemm wiehed Cortis. Jghid li ma' Paris hadem tajjeb hafna u ghalkemm is-suq kien gia' mimli, flimkien huma irnexxielhom igibu numru ta' klienti godda. Jghid li wara li telaq Paris certu xoghol mar ghall-ahjar u certu xoghol mar ghall-aghar. Dwar l-incident stradali f'Ghawdex jghid li dakinhar kellhom party ghall-klienti u wara hu u Paris marru jixorbu flimkien; xorbu ftit zejjed u Paris spicca habat ma karozza u baqa' sejjer. Jghid li ma kienx jaf jekk Paris kellux incidenti ohra barra dan. Jghid li f'Ghawdex Paris kien responsabbli mill-marketing ghaliex is-Sales kien jiehu hsiebhom hu u ħuh u Ghawdxi iehor.

KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-pozizzjoni taz-zewg partijiet tohrog cara mix-xhiediet estremament fit-tul tar-rikorrent u ta' Georges Meekers. It-Tribunal jifhem li s-sur George Meekers huwa pjuttost perfezzjonist u fil-herqa tieghu li x-xoghol isir bl-aktar mod preciz, meta l-performance tar-rikorrent battiet xi ftit dan bidel l-atteggament versu r-rikorrent, u beda jsiblu x-xaghra fl-ghagina, kif jghid il-Malti. Kuntrarju ghal dak li jghid ir-rikorrent, id-dokumenti pprezentati juru li r-rikorrent verament beda jnaqqas il-performance tieghu l-aktar meta tqabblu mal-performance tat-tliet area managers l-ohra. Pero` r-rikorrent huwa

gustifikat jirrimarka li l-area managers l-ohrajn ma kellhomx area delikata bhal dik tieghu f'Ta' Sliema San Giljan u Paceville. Kollox ma' kollox dan it-Tribunal huwa konvint li r-rikorrent verament ma kienx sejjer tajjeb lejn l-ahhar tal-2009, pero` dan certament ma kienx jintitola lill-kumpanija intimata tkeccih. Anzi dan it-Tribunal xejn ma jaraha korretta l-pozizzjoni tal-kumpanija intimata li lil manager ma ttihx kuntratt miktub biex jirregola ruhu mieghu; anqas mhu spjegabbli kif ir-rikorrent kellu *job description* u dan ma giex ipprezentat. Fin-nuqqas ta' dawn, il-kumpanija intimata ma tista' qatt tkecci haddiem minhabba li impjegat ma jkunx lahaq *targets* specifici li manager ikun ghogbu jistabbilixxi fid-diskrezzjoni assoluta tieghu. Jekk jintlahaqx *target* jew le ma jiddependix biss mill-area manager izda wkoll mill-klienti, mis-suq in generali u mill-offerti li tkun taffordja taghti l-istess kumpanija. It-Tribunal jinnota li l-ETC Job-history tar-rikorrent[2] tghid li r-rikorrent tkecca fuq bazi ta' dixxiplina mentri l-ETC Termination form miktuba fid-19 ta' Mejju 2010 (l-ghada tat-tkeccija) tghid li t-terminazzjoni kienet bazata fuq "non-compliance with performance/standards"[3]. Meekers jghid li ghall-ETC din in-non-compliance kienet taqa' taht kazi ta' dixxiplina.

Jidher li din kienet ir-raguni vera ghaliex it-tmexxija tal-kumpanija Delicata Wines qablet li s-sur Paris kellu jitkecca. Pero` jidher ukoll li s-sur Georges Meekers kellu ragunijiet ohra f'mohhu u ghalhekk gabar lista shiha ta' nuqqasijiet li skond hu kkontribwew biex ir-rikorrent jitkecca. It-Tribunal irid jghaddi kummenti fil-qosor dwar dawn l-allegati nuqqasijiet:-
L-incident principali li wassal ghat-tkeccija kien ta' meta r-rikorrent mar fid-dar li skond Meekers kienet tappartjeni lill-partner tar-rikorrent mentri r-rikorrent jghid li dik kienet id-dar tieghu. Meekers jghid li l-incident kien gravi fl-ewwel lok ghaliex bejn it-3:30 u t-3:50 Paris kien ipparkjat hemm flok fuq xogholu, u fit-tieni lok ghaliex ir-rikorrent gidiblu meta qallu li kien Pembroke meta allura kien is-Swieqi. Ir-rikorrent jispjega li huwa mar hemm bhala "break" u mhux biex jiskarta mix-xoghol, haga li hija gustifikata. Huwa jghid ukoll li ma

[2] Dokument a folios 222 sa 226
[3] Dokument a folio 227

gidibx ghax huwa verament dak il-hin ried imur Pembroke u allura kellu jiltaqa' ma' Meekers wara 45 minuta f'San Giljan. L-incident huwa dubjuz u d-dubju ghandu jmur favur ir-rikorrent l-aktar ghaliex dan it-Tribunal ma jistax jifhem ghalxiex Meekers, jekk iddejjaq bil-gidba tar-rikorrent, ma baqax jistenna hdejn il-karozza tar-rikorrent u affacjah bl-iskartar minn fuq ix-xoghol u bil-gidba tieghu. In oltre dan it-Tribunal jissuspetta li Meekers kien ilu jghasses lil Paris, tant li anke jaf x'karozza issuq il-partner ta' Paris, u x'numru ghandha!

Dwar l-incident ta' Ottubru 2007 meta r-rikorrent kellu jiehu l-ommu l-isptar, jidher li r-rikorrent verament halla wisq ghall-ahhar biex javza lis-superjuri tieghu: nuqqas li ma jidhirx li inghata importanza dak iz-zmien pero` inghata hafna importanza sentejn u nofs wara.

Dwar li George Delicata qal lil Meekers li gie infurmat li l-karozza ta' Paris spiss kienet qed tkun fi Triq l-Imghazel fis-Swieqi fil-hin tax-xoghol, haga li r-rikorrent jichad, ma tistax tigi kkonsidrata gialadarba George Delicata ghazel li ma jixhidx, u allura qed tintlaqa' c-cahda ta' Paris.

Dwar li r-rikorrent assenta ruhu mix-xoghol fil-25 ta' Novembru 2008 wara li kien habat bil-karozza, Paris jghid li dakinhar huwa kien baqa' Ghawdex izarma l-hotel mill-armar tal-avveniment li kien organizza l-gurnata ta' qabel, u li Meekers kien gie ghalih ic-Cirkewwa waranofsinhar. Allura ma jaghmilx sens dak li jghid Meekers li dakinhar Paris qabad u assenta ruhu mix-xoghol bla raguni. Anzi Meekers jaghti kulur lill-istorja u jghid li huwa kellu jmur ghalih ghaliex il-karozza ma setghetx timxi, mentri rrizulta li l-hsara fil-karozza tant kienet minima li Paris baqa' jsuq u mar jipparkja fil-car-park tal-lukanda. Meekers jaghti lil dan l-incident dimensjoni ta' imgieba hazina, dizubbidjenza u assenteizmu mix-xoghol, meta mhux biss ma ttiehdu ebda mizuri kontra r-rikorrent talli ma jirrizulta ebda warning miktub dwaru.

Dwar iz-zewg incidenti ta' "dizubbidjenza": l-ewwel incident kien meta Meekers ried ikellem lil Paris qabel dan imur Ghawdex – Meekers jesebixxi numru ta' emails skambjati bl-ahhar wiehed ikun ta' Paris[4] fejn dan joffri lil Meekers li jiltaqa' mieghu fil-jum li huwa xtaq (11 ta' Gunju u mhux 12 ta'

[4] Exhibit A Folio 25

Gunju 2009 kif jixhed Meekers), pero` ma jkunx lehaq ipprepara l-"plan of action". Meekers jinsisti li Paris kellu jiltaqa' mieghu fit-12 ta' Gunju 2009 fl-10:00 pero` din ma tirrizulta minn ebda email li ipprezenta. It-tieni incident kien meta f'Ottubru 2009 Paris ammetta li m'obdiex l-istruzzjonijiet biex jghaddi proposta lil klient partikolari f'Ta Sliema. Ir-rikorrent ta l-ispjega tieghu u tali spjega tidher gustifikata.

Dwar l-incidenti li r-rikorrent kien allegatament xurban waqt il-hin tax-xoghol, tnejn huma detto del detto u r-rikorrent jichadhom, mentri t-tielet huwa dak t'Ghawdex li jirrizulta li ma kienx waqt il-hin tax-xoghol.

Taht l-intestatura ta' inefficjenza u kunflitt ta' interess, Meekers isemmi l-emails li r-rikorrent baghat lil certa Heidi Kubin li mill-emails jirrizulta li kienet Technical Development manager ma' Unibet. L-ewwel email esebita turi li b'email wahda r-rikorrent informa lil din Heidi li huwa kien indaga dwar xi hadd li jipprovdi servizz ta' 'fishing' (u allura s-sugget mhux konness max-xoghol, pero` ma kienx qed jippromwovi xoghol ghalih), u pprova jhajjarha tattendi ghal wine-promo (suggett konness max-xoghol). L-emails ta' wara ikomplu fuq is-suggett tal-'fishing'. Meekers jixhed li dawn l-emails jindikawlu li Paris kien jiccarterja l-yachts mentri dawn l-emails ma jghidu xejn minn dan. Ghalhekk hija aktar kredibbli l-verzjoni ta' Paris li in kontroezami jammetti li huwa kien verament jikri yachts bhala part-time pero kien informa is-sur Delicata b'dan u ma kellu ebda kunflitt ta' interess.

Dwar li Meekers joggezzjona li din il-kommunikazzjoni saret waqt il-hin tax-xoghol, l-emails huma qosra u ma setghux tellfuh wisq. Mill-istess kullana ta' emails jirrizulta[5] li s-sur Meekers skopra din l-email fl-20 ta' Mejju 2010 mill-computer tar-rikorrenti u cioe` jumejn wara li r-rikorrent kien gia' tkecca. Il-fatt li fl-affidavit tieghu is-sur Meekers jghid li dawn l-emails personali u l-"kunflitt ta' interess" kienu ragunijiet ohra li jiggustifikaw it-tkeccija ma jaghmilx sens ghax ma tistax l-ewwel tkecci imbaghad tmur tfittex il-gusitifikazzjoni wara.

[5] L-email a folio 26 li Georges Meekers baghat lil Lisa

Wara li t-Tribunal qies dan kollu, jikkonkludi li fl-ewwel lok ir-rikorrent verament illaxka fil-performance tieghu lejn l-ahhar tal-2009, pero` l-amministrazzjoni tal-kumpanija xorta kellhom fiducja fih tant li fil-bidu tal-2010 huwa gie infurmat li "you have been awarded a bonus of €700" biex jincentivawh jerga' jibda jaghti rizultati tajba. Igifieri oltre li mhux accettabbli li impjegat jitkecca ghax ma jilhaqx it-targets kummercjali li jiguh f'mohhu s-superjur tieghu, il-kumpanija anqas kienet qed tikkontempla tkeccija izda incentivazzjoni.  Fit-tieni lok l-ammont kbir ta' akkuzi maghmula mis-sur Meekers jirrizulta li huma pjuttost tfettiq biex tigi gustifikata t-tkeccija.  Iva r-rikorrent naqas meta m'avzax b'mod car u kmieni li ser jiehu l-ommu l-isptar, u meta m'avvzax mill-ewwel lis-superjuri li ma kienx ser jaghmel proposta lil wiehed mill-kienti, meta uza l-email tal-kumpanija ghal skop privat u meta ma qabadx u ammetta li mar sad-dar jiehu "break", u meta bix-xorb tieghu seta' tefa' dell ikrah fuq il-kumpanija.  Dan it-Tribunal irid iqis dawn in-nuqqasijiet da parti tar-rikorrent, ghaliex bhala perusna li qeghda tippromwovi prodott, l-*image* u l-professjonalita` huma essenzjalissimi.  Pero`  kumulattivament dawn in-nuqqasijiet ma kienux ta' portata daqshekk cara li timmerita tkeccija, iktar u iktar gialadarba ma jirrizutlax li inhargulu *warning*s formali (bil-miktub) li setghu jifthu ghajnejn ir-rikorrent biex joqghod verament attent li ma jirrepetix l-istess zball.  Ir-rikorrent irrikonoxxa warning wiehed ta' meta habat bil-karozza tal-kumpanija, u dan in kwantu biss setgha dennes ir-reputazzjoni tal-kumpanija, u pprometta li joqghod aktar attent.  Mill-bqija ebda twiddiba ohra, jekk kien hemm, ma nftehmet li kienet "warning".  Huwa ghalhekk li warning ahjar isir bil-miktub, biex ikun car liema imgieba mhix tollerabbli.

Dan ifisser li fil-waqt li r-rikorrent kien hati ta' nuqqasijiet li ma tistennihomx minn persuna f'dik il-pozizzjoni,  tali nuqqasijiet ma kienux jimmeritaw tkeccija u b'kollox ma' kollox it-terminazzjoni tal-impieg qed tigi meqjusa ingusta. Fic-cirkostanzi anqas ma kien gust li l-bonus li gie imwieghed ma thallasx, kif anqas ma kien gustifikat li l-karozza tal-kumpanija tinhasel bi flus imnaqqsa mill-paga tar-rikorrent.

DECIZJONI

Ghaldaqstant, wara li dan it-Tribunal ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddeciedi u jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrent ma kinitx gustifikata fil-ligi u ghaldaqstant wara li gie kkonsidrat li r-rikorrent ghamel kwazi sitt xhur bla impieg, il-kumpanija intimata qed tigi ordnata thallas lir-rikorrent kumpens globali ta' sitt elef seba' mija u sittin Euro (€6,760.00) fi zmien erbghin jum mill-lum. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta’ Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta’ tlieta u disghin Euro (€93.00). B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr Leslie Cuschieri

Chairman